MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 195/2009

**Diomeode maghruf bhala Amadeo Cassar**

**vs**

**Borda Charles**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Marzu tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u ghoxrin ewro (€1,220) rapprezentanti in parti xahrejn kera ta' kiri ta' vettura u in parti depozitu li kien thallas mill-attur lill-konvenut in kontapilazzjoni ta' riparazzjonijiet li kellhom isiru fuq il-vettura tieghu bin-numru IBD 479 u dana a tenur ta' skrittura li kienet saret bil-miktub bejn il-partijiet datata 10 ta' Mejju tas-sena 2008. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat baqa’ ma deherx u ma pprezenta ebda risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema’ lill-attur jixhed u jikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub minnu f’din il-kawza kienet ghadha dovuta sal-gurnata tal-lum u kompla wkoll jispjega u jelabora fuq l-ammont li kien lilu dovut. Ipprezenta wkoll dokument illi gie mmarkat Dok ‘DC1’ li bazikament jikkoncerna l-ftehim illi kien sar bejn il-partijiet. Il-konvenut meta rega’ gie msejjah baqa’ ma deherx u ghalhekk ma jidher li kien hemm ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ir-rizultanzi tax-xhieda moghtija mill-attur bil-gurament tieghu, mid-dokument minnu esebit u nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tal-konvenut, qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici. Konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma mitluba ta’ elf, mitejn u ghoxrin ewro (€1,220) bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza kif rikjesti a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------